# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Sebgħa (7) ta’ Novembru 2024**

**Rikors Numru 299/2021FDP**

Fl-ismijiet

**Joseph Cini**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Direttur tal-Ħabs**

**Avukat Ġenerali**

**U**

**Direttur (Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali, Malta)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 4 ta’ Mejju 2021 li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

> *Illi din hija kawża għal rimedju fit-termini tad-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem stante li l-esponenti huwa indebitament miżmum ġewwa il-Faċilita Korrettiva ta’ Kordin meta fil-fatt ma hemm l-ebda raġuni valida (fil-fatt u fid-dritt) il-għaliex l-imsemmi esponent jibqa’ jinżamm arrestat; u dan kif ser jiġi pruvat fil-kawża;*

*Illi l-esponenti intavola numru ta' appelli, fosthom l-appell bin-numru 05/2015 (EG) kif ukoll l-appell bin-numru 193/2016 (GMG) quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li jirriżultaw li ġew dikjarati deżerti bla ebda raġuni valida;*

*Illi l-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni huma kif ġej:*

*Illi fl-elfejn u sbatax (2017), preċiżament f'Mejju tas-sena 2017, l-esponent ġie notifikat li l-appell tiegħu bin-numru 5/15 kien ġie appuntat għas-smigħ;*

*Illi fil-fatt l-esponent kellu jidher quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'Awissu ta' l-istess sena (u ċjoe tas-sena elfejn u sbatax); madanakollu dan in-nhar tas-seduta huwa ma ġiex imsejjaħ;*

*Illi l-esponent minħabba il-fatt li l-kawża tiegħu ma ssejjħitx, staqsa u kien hawnhekk li huwa ġie infurmat mid-Deputat Reġistratur tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li l-appelli tiegħu kienu ġew dikjarati deżerti, u li għaldaqstant huwa kellu jkun il-ħabs, sabiex jiskonta il-kundanna tiegħu!*

*Illi l-esponent jgħid illi huwa stqarr mad-Deputat Reġistratur tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li huwa kien jmur ta' kuljum jiffirma ġewwa l-Għassa ta' l-Imsida, u għaldaqstant huwa ma setgħax jifhem il-għaliex ma kienx infurmat mill-Pulizija ta' dan kollu, speċjalment minħabba il-fatt li huwa kien jiġbor il-mandati ta' taħrik mill-istess Għassa;*

*Illi l-esponent jgħid ukoll li fil-meritu meta huwa sar jaf b'tali informazzjoni dwar id-deżerzjoni, huwa għamel komunika mal-Avukat tiegħu, u ċioe għamel komunika ma' Dr. David Camilleri, li dak iż-żmien kien assuma il-patronċinju tiegħu; u dan kien qallu li ma kien xejn minnu li l-appelli kienu ġew dikjarati deżerti;*

*Illi huwa kien straħ fuq il-kelma ta' l-avukat tiegħu;*

*Illi madanakollu, ġara li fil-5 ta Settembru ta' l-istess sena, u ċioe tas-sena elfejn u sbatax, l-esponent, meta bħas-soltu mar jiffima ġewwa l-Għassa ta' l-Imsida, huwa inżamm arrestat;*

*Illi l-esponent jgħid li kien mfixkel b'din l-esperjenza - esperjenza li ċertament kexkxitu anke għaliex ma setax jifhem kif kien ser jispiċċa jiskonta piena karċerarja meta l-appelli tiegħu kienu suppost pendenti, u fil-fatt ħass ruħu żgwidat;*

*Illi l-esponent meta ġie arrestat, għamel komunika immedjata ma' l-Avukat tiegħu Dr.David Camilleri;*

*Illi l-esponent ġie meħud fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u fil-fatt għadu qed jinżamm hemmhekk sal-lum;*

*Illi kif qed jingħad, l-esponenti għamel kuntatt mal-avukat tiegħu u minn stħarriġ li sar irriżulta li kienet intbagħtet it-taħrika għand omm l-esponent,*

*ġewwa il-Pieta, u mhux fl-indirizz li l-imsemmi Joseph Cini kien qed jgħix fih; u dan kif ser jirriżulta fil-kawża; u fil-fatt l-esponent ma kienx ġie debitament notifikat;*

*Illi kien minħabba il-fatt li t-taħrika kienet intbagħtet għand omm l-esponent, li l-esponenti spiċċa mfittex mill-Pulizija sakemm ġie kkalzrat u kellu jibda jiskonta l-piena;*

*Illi mill-fatti jirriżulta ċar li għaldaqstant, l-arrest u d-detenzjoni ta' l-esponent huma għal kollox leżivi tad-drittijiet fundamentali tiegħu;*

*Illi jirriżulta li r-riferta suriferita - li kopja tagħha tinsab annessa u mmarkata "Dok. " - tattesta li l-esponent ġie notifikat għand ommu, u mhux fl-indirizz tiegħu li huwa Blk B, Ent 1, Flat 5, Triq il-Balliju, Guttenburg, Msida, u għalhekk ma setax ikun li huwa ġie notifikat b'tali avviż personalment.*

*Illi l-esponent jgħid ukoll li ma jistax jifhem il-għaliex l-avviżi ma ngħatawx lilu personalment bħal ma kien jiġri s-soltu meta kien jmur l-Għassa ġewwa l-Imsida!*

*Illi jiġi mtenni ukoll li f'Settembru 2017, meta l-esponent kien mar jiffirma ġewwa l-Għassa, huwa ġie arrestat għaliex is-sentenzi sospiżi tiegħu kienu daħlu fis-seħħ, peress li l-appelli tiegħu kienu ġew ddikjarati deżerti, u għaldaqstant huwa ttieħed il-ħabs proprju minn ġewwa l-Għassa ta' l-Imsida!*

*Illi wara l-arrest ta' l-esponent, u wara li l-esponent informa lill-avukat tiegħu, u ċioe lill-imsemmi Dr. David Camilleri, huwa intavola rikors a nom ta' l-imsemmi Joseph Cini, liema kopja qed tiġi annessa fl-ismijiet "Pulizija vs Joseph Cini", il-għaliex l-esponent kien ħass ruħu aggravat mid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-għaliex in effetti mill-proċess jirriżulta li l-esponent ma kienx ġie notifikat skond il-Liġi, u għalhekk ma kienx hemm raġuni valida il-għaliex tali appelli jiġu ddikjarati deżerti;*

*Illi l-esponent kien talab sabiex l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tirrevoka contrario imperio id-digrieti tagħha, u ċioe tirrevoka id-deċiżjoni li tiddikjara l-appelli deżerti u terġa' tirriappunta l-appelli għas-smigħ;*

*Illi fil-frattemp l-esponent jgħid ukoll li huwa kien ġie avviċinat mill-Maġġur Christopher Lautier mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin li kien infurmah illi fil-verita huwa kien ġja skonta il-piena karċerarja effettiva skond il-liġi;*

*Illi l-esponent jgħid li dan kollu ġara avolja l-esponent ma kienx responsabbli għan-nuqqas ta' attendenza tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell.*

*Illi fil-fatt, huwa għadu taħt arrest sal-lum.*

*Illi għal darba oħra l-esponent f'Marzu ta' din is-sena, intavola rikors ieħor (kopja annessa) quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Imħallef EG) sabiex l-istess Qorti terġa' tirriappunta l-appelli, filwaqt li tisma' x-xhieda ta' l-*

*Avukat Camilleri kif ukoll tal-Maġġur Lautier għal konferma tal-fatti, madanakollu dan l-appell ma intlaqax minħabba punt ta' proċedura;*

*Illi l-esponent jgħid li dawn il-fatt ikkrejaw inġustizzja, preġudizzju u telf ta' drittijiet tiegħu, u għalhekk jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, kif ukoll ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi l-esponenti qed isofri minn arrest arbitrarju u illegali kif ukoll peress li ma ngħatax smigħ xieraq;*

*Illi in sostenn ta' dan issir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Q.E.D.B. tal-31 ta' Mejju 2016, fl-ismijiet "Gankin and others vs Russia. fejn fuq il-punt li l-esponenti naqas milli jidher għal smigħ u b' konsegwenza tali appell ġie dikjarat deżert, qalet is-segwenti fuq jekk jikkonsistix fi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq:*

> *A domestic court's failure to ascertain whether an absent party had received the summons in due time and, if he had not, whether the hearing should be adjourned, was in itself incompatible with genuine respect for the principle of a fair hearing and could lead the Court to finding a violation of Article 6.1*

*Illi jsegwi li fil-każ odjern, anke s-sempliċi fatt li l-appelli tal-esponenti ġew iddikjarati deżerti mingħajr ma ġie aċċertat jekk l-esponent kienx jew setax ikun konxju ta' dan; kif ukoll konxju tad-dati u tal-ħin tas-smigħ, l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali ċaħdet lill-esponenti mid-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi inoltre l-jeddijiet tal-esponenti ġew leżi ai termini tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, meta ġie mċaħħad mil-liberta' personali tiegħu. F' każijiet simili, l-Istat m'għandux biss l-obbligu li jaċċerta li t-tali drittijiet kif sanċiti taħt dan l-artikolu jiġi ssalvagwardjati, iżda għandu wkoll joffri rimedju b' mod immedjat lil dawk il-persuni li ġew ipprivati mil-liberta tagħhom b' mod inġust, u dan speċjalment f'każi fejn l-awtoritajiet setgħu kienu jafu b' tali arrest, kif ġara fil-każ odjern. F'dan ir-rigward, fis-sentenza bl-ismijiet "Storck vs Germany' deċiża mil-QEDB fis-16 ta' Ġunju 2005 ingħad is-segwenti:*

> *"The Court considers that Article 5.1, first sentence, of the Convention must equally be construed as laying down a positive obligation on the State to protect the liberty of its citizens. Any conclusion to the effect that this was not the case would not only be inconsistent with the Court's case-law, notably under Articles 2, 3 and 8 of the Convention, it would also leave a sizeable gap in the protection from arbitrary detention, which would be inconsistent with the importance of personal liberty in a democratic society. The State is therefore obliged to take measures providing effective protection of vulnerable persons, including*

> *reasonable steps to prevent a deprivation of liberty of which the authorities have or ought to have knowledge".*

*Illi inoltre, fis-sentenza bl-ismijiet ta' "Medova vs Russia" deċiża mill-QEDB fil-15 ta' Jannar 2009, ingħad is-segwenti fir-rigward tal-Art 5.1 tal-Konvenzjoni fejn awtoritajiet jew Qrati jonqsu li jwaqqfu arrest illegali immedjatament:*

> *... the first sentence of Article 5.1 of the convention must be construed as laying down a positive obligation on the State to protect the liberty of its citizens. The Court considers that, in the circumstances of the present case, there are no reasons to consider the scope of the State's positive obligation under Article 5 of the convention to protect Mr Medov form arbitrary deprivation of liberty to be different from that under Article 2 of the Convention to protect his life.*
>
> *... it considers that the authorities' failure to put an end to Mr Medov's arbitrary deprivation of liberty while they had every means of doing so constituted a breach of the State's positive obligation under Article 5 of the Convention.*

*Illi in vista tal-presuppost, l-esponent jgħid li d-dritt għal-liberta u s-sigurta' tal-persuna hekk kif sanċiti fl-Art. 5 tal-Konvenzjoni Ewropea huma essenzjali għat-tħaddim ta' soċjeta' demokratika'. Inoltre, wieħed irid jara l-Art. 5 tal-Konvenzjoni fl-intier tiegħu ġaladarba tali leżjoni titratta privazzjoni tal-liberta'. F' dan is-sens għalhekk, jiskatta wkoll l-Art. 5.5 tal-Konvenzjoni li jipprovdi espressament li*

> *"Everyone who has been the victim of arrest or detention in contravention of the provisions of this Article shall have an enforceable right to compensation";*

*Illi dwar tali dispożizzjoni speċjali, fis-sentenza suriferita fl-ismijiet "Storck vs Germany" jingħad kif ġej f' każ li jinstab illi kien hemm ksur tal-Art. 5 tal-Konvenzjoni:*

> *"The Court reiterates that Article 5.5 of the Convention creates a direct right to compensation, provided that the national courts or the convention institutions have found that an applicant has been deprived of his liberty contrary to Article 5(1-4) of the convention.*

*Illi għaldaqstant joħroġ ċar illi ġaladarba l-esponenti ġie miżmum b'mod illegali ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u bi ksur tal-jedd tal-esponenti għal smigħ xieraq, sitwazzjoni li ċertament tammonta għal-leżjoni tal-jeddijiet tal-esponenti, l-esponenti għandu dritt dirett għall-rimedju pekunarju mill-Qrati tagħna anke a tenur tal-Art. 5.5 tal-Konvenzjoni;*

*Illi minkejja t-tentattivi tal-esponenti, sal-lum ma ngħata ebda rimedju effettiv sabiex is-sitwazzjoni li għadda minnha l-esponenti tiġi rimedjata u għalhekk l-unika triq li għandu l-esponenti hija li jirrikorri quddiem din l-Onorabbli*

*Qorti għall-protezzjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna rimedju effettiv, b'mod ewlieni dak tal-ħelsien effettiv;*

2. *Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq a bażi tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporata fil-liġi tagħna a tenur tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u ksur tad-drittijiet fundamentali ta' privazzjoni mil-liberta personali tiegħu a bażi tal-Art. 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art.5 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporata fil-liġi tagħna a tenur tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) liema ksur ta lok għad-detenzjoni illegali tal-esponenti fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;*

3. *Tiffissa kumpens xieraq għal tali vjolazzjonijiet kif ukoll kumpens għal danni morali liema kumpens huwa dritt dirett hekk kif sanċit mill-Art. 5.5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, bl-opera occorrendo ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-kumpens hekk likwidat lil-esponenti, oltre l-imgħax;*

5. *Tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-19 ta' Mejju 2021, id-**Direttur Qrati u Tribunali Kriminali** laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

    1. *Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi fir-rikors odjern, ir-rikorrenti Joseph Cini iddikjara* ***bil-ġurament*** *illi l-appelli enumerati 05/2015 (EG) u 193/2016 (GMG) ġew dikjarati deżerti mingħajr raġuni valida;*

    2. *Illi b'riferenza għas-suespost, bid-dovut rispett dan huwa inveritier għaliex minn riċerka li saret fir-Reġistru tal-Qorti Kriminali, irriżulta li l-appell enumerat 193/2016* ***qatt*** *ma ġie dikjarat deżert u fil-fatt l-istess appell jinsab differit għas-sentenza għat-28 t'Ottubru tas-sena 2021;*

    3. *Illi b'riferenza għall-appell enumerat 05/2015, kuntrarjament għal dak li hemm dikjarat fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti, l-appell kien appuntat għas-smigħ għat-22 ta' Frar tas-sena 2016 u mhux f'Mejju tas-sena 2017 u fil-fatt fis-seduta tat-22 ta' Frar tas-sena 2016, meta ssejjaħ l-appell, ir-rikorrenti preżenti fl-awla, saru sottomissjonijiet u l-appell ġie differit għas-sentenza għall-5 ta' Mejju tas-sena 2016;*

4. *Illi sussegwentement l-istess appell ġie differit għat-13 ta' Lulju tas-sena 2017 u l-atti kriminali juru li r-rikorrent kien ġie notifikat personalment fil-25 ta' Mejju tas-sena 2017 bl-avviż għas-smigħ tal-appell tiegħu u dan skont riferta ffirmata mill-marixxall tal-Qrati tal-Ġustizzja. Għalkemm ir-rikorrent jallega fir-rikors tiegħu li huwa ma ġiex debitament notifikat huwa ma indika l-ebda spjegazzjoni għaliex allura din ir-riferta tgħid il-kontra ħlief li l-indirizz indikat fl-avviż tas-smigħ hija residenza t'ommu. Oltre minn hekk ir-rikorrent ma ta l-ebda raġuni valida għaliex wieħed ma għandux jemmen dak li hemm imniżżel fir-riferta bħalma lanqas ma fisser għaliex huwa qed itenni li dak kiteb il-marixxall huwa żbaljat jew mhux minnu. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova min-naħa tar-rikorrent li r-riferta tgħid il-falz, il-preżunzjoni hija li kollox sar sewwa u dan fuq il-prinċipju li omnia rite et recte facta esse;*

5. *Illi jiġi ribadit li l-marixxalli huma uffiċjali tal-Qorti u m'għandhom ebda interess li jiddikjaraw fatti li m'humiex;*

6. *IIli tenut kont li fl-atti kriminali kien hemm riferta pożittiva, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet korretta skont l-artikolu 422 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li tiddikjara l-appell kriminali mressaq mir-rikorrent bħala wieħed deżert;*

7. *Illi fir-rikors tiegħu, ir-rikorrenti jgħid li kellu jidher quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali f'Awissu tas-sena 2017 u in vista li l-appell ma kienx ġie msejjaħ, huwa staqsa lid-deputat reġistratur u ġie infurmat qal li dakinhar hu ġie infurmat mid-deputat reġistratur li l-appelli tiegħu kienu ġew dikjarati deżerti. Illi bid-dovut rispett anke hawn hekk ir-rikorenti huwa skorrett għax mir-riċerka li saret fir-reġistru jirriżulta li ż-żewġ appelli li qed jilmenta minnhom fir-rikors odjern qatt ma kienu differiti għal ebda data f'Awissu, 2017;*

8. *Illi r-rikorrent lanqas ma jista' jilmenta għaliex il-Qorti tal-Appell ċaħditlu r-rikors tiegħu biex l-appell tiegħu jerġa' jitqiegħed fuq il-lista ġaladarba huwa ma ressaqx din it-talba tiegħu fiż-żmien erbat ijiem li jsemmi l-artikolu 422 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan l-artikolu l-Qorti Kostituzzjonali ġia kellha l-okkazzjoni tippronunzja ruħha li dan mhuwiex leżiv għad-dritt ta' smigħ xieraq kif imħares taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea (ara Patrick Mangion vs Avukat Ġenerali et tas-27 ta' Jannar 2006 u Anthony Bezzina vs Avukat Ġenerali tal-31 ta' Jannar 2014);*

9. *Illi għalhekk isegwi illi la darba r-rikorrenti kien debitament notifikat u kien huwa stess illi naqas milli jattendi l-Qorti, huwa ma jistax jinvoka l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u jilmenta illi huwa ma ngħatax smigħ xieraq;*

*Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

3. Rat illi fl-19 ta' Mejju 2021, il-**Kummissarju tal-Pulizija**, l-**Avukat Ġenerali** u d-**Direttur tal-Ħabs** laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

*Illi r-rikorrent qiegħed jilmenta minn nuqqas ta` smigħ xieraq u detenzjoni arbitrarja/illegali f`żewġ appelli kriminali numru 05/2015 u 193/2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Cini u dan għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali iddikjarat l-appelli tiegħu deżerti.*

*Din il-lanjanzi huma waħda infondati għas-segwenti raġunijiet li qed jitressqu mingħajr preġudizzju għall-xulxin:*

*1. Illi ibda biex id-Direttur tal-Ħabs intimat mhuwiex il-leġittimu kuntradittur ta` din il-vertenza ġaladarba hu m`għandu x`jaqsam xejn ma kawżi li jmorru deżerti u lanqas jidher mir-rikors promotur li l-ilmenti huma indirizzati lejn xi deċiżjoni jew aġir tiegħu. Il-kawża hija integra bil-preżenza tal-intimati l-oħra.*

*2. Illi r-rikorrent qiegħed jilmenta li żewġ appelli kriminali ġew dikjarati deżerti liema appelli huma dawk numru 05/2015 (EG) u 193/2016 (GG). Din l-premessa hija fattwalment żbaljata għaliex mill-informazzjoni li għandhom l-intimati, l-appell kriminali numru* ***193/2016*** *ma marx deżert iżda qiegħed differit għas-sentenza għat-****28 ta` Ottubru 2021****.*

*3. Illi l-appell numru 05/2015 ġie dikjarat deżert mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta` Lulju 2017 meta l-appellant ma deherx għas-seduta u l-Qorti rat li r-riferta kienet pożittiva u b`hekk ma kellhiex għażla oħra li tiddikjara l-appell ta` Joseph Cini deżert. Dik is-sentenza beda jiskontaha fis-sena 2017 u dan ifisser li din il-kawża kostituzzjonali fetaħha kważi erba` snin wara. Dan qed jingħad għaliex ir-rikors promotur ġie deskritt bħala "urġenti" iżda kieku verament kien urġenti għar-rikorrent kien jiftaħ il-proċeduri odjerni erba` snin ilu u mhux jistenna dan iż-żmien kollu jgħaddi.*

*4. Illi bħala lanjanzi ir-rikorrent qed jinvoka li ġie vjolat d-dritt għall-smigħ xieraq. Dan il-jedd irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Tabilħaqq biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (ara fost oħrajn is-sentenzi* ***Dr. Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awwissu 1998,* ***Anthony Zarb et vs. Ministru tal-Ġustizzja et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002 u*

***Gregorio sive Godwin Scicluna vs. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru 2003). Jekk wieħed iħares lejn il-proċeduri kriminali in diżamina fit-totalita` tagħhom ma hemm xejn li jindika li kien hemm nuqqas tant serju li illeda id-dritt tal-akkużat għal-smigħ xieraq.*

*5. Illi meqjus li fl-atti kriminali hemm riferta pożittiva, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet korretta skont l-**artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** li tiddikjara l-appell kriminali mressaq mir-rikorrent bħala wieħed deżert ġaladarba hu ma deherx għas-seduta;*

*6. Illi wara kollox ir-rikorrent m'għandu l-ebda dritt jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq meta kien huwa stess illi kien ħati ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti inkwantu bla ġustifikazzjoni falla milli jattendi s-seduta tal-appell tiegħu. Dan għaliex min ma jsegwix il-proċedura dettata mil-liġi ma jistax jilmenta minn xi nuqqas li seħħ fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent jista' jġib ħafna skużi għalfejn dakinhar li kellha tingħata s-sentenza hu ma deherx għas-seduta pero` f'għajnejn il-Qorti jekk ir-rikorrent baqa' ma deherx meta l-kawża issejħet jgħodd biss dak li ġie ivverbalizzat u ċioe` li r-rikorrent ma kienx preżenti għall-appell tiegħu. Bħalma ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Joseph Grech vs. L-Avukat Ġenerali** deċiża fl-20 ta' Diċembru 2000, partijiet li jonqsu milli jattendu għas-seduti "ma jkunux jistgħu jilmentaw li ma jkunux ingħataw smigħ xieraq skont il-Konvenzjoni u skont il-Kostituzzjoni iżda setgħu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raġuni, l-opportunità tagħhom skont ir-regoli proċedurali li jiggvernaw il-proċess";*

*7. Illi jingħad ukoll li r-rikorrent lanqas ma kien kapaċi jużufruwixxi mir-rimedju ordinarju li jipprovdi l-artikolu 422(1) tal-Kap 9 li jipprovdi li l-appellant jista b`rikors ippreżentat fi żmien erbat ijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa mill-istess appellant quddiem ir-reġistratur li, minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuq imsemmija, il-qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell u b`hekk l-appell tiegħu jerġa' jitqiegħed fuq il-lista ġaladarba huwa ma ressaqx din it-talba tiegħu fiż-żmien erbat ijiem li jsemmi l-**artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dwar dan l-artikolu l-Qorti Kostituzzjonali ġa kellha l-okkażjoni tippronunzja ruħha li dan mhuwiex leżiv għad-dritt ta' smigħ xieraq kif imħares taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Konvenzjoni Ewropea** (ara **Patrick Mangion vs. Avukat Ġenerali et** tas-27 ta' Jannar 2006 u **Anthony Bezzina vs. Avukat Ġenerali** tal-31 ta' Jannar 2014);*

*8. Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jibda biex jingħad li dawn l-artikoli huwa intiżi sabiex iħarsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Illi sabiex id-detenzjoni ma tkunx waħda arbitrarja id-detenzjoni trid tkun skont il-liġi u konsistenti mal-għan tal-istess artikoli u ċioe' li l-indivdwu jiġi mħares mill-arbitrarjeta'. Illi madanakollu dan il-prinċipju mhuwiex wieħed assolut u dan stante li dan l-artikolu jikkontjeni lista eżawrenti tar-raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-liberta' ta' xi persuna.*

*9. Uħud mir-raġunijiet li skont l-artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jiġġustifikaw il-privazzjoni mil-liberta' huma dawk maħsuba fil-paragrafu (a) u (c) tal-istess artikolu u ċioe' meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-liġi u wara li l-Qorti issib il-persuna ħatja tal-akkużi u kif ukoll meta tiġi miġjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti. Il-Kostituzzjoni tipprovdi b`mod simili fil-paragrafu (b) tal-artikolu 34.*

*10.Illi dak li sar fil-konfront tar-rikorrenti huwa skont il-liġi u ma hemmx l-elementi sabiex din l-Onorabbli Qorti issib li seħħet jew li ser iseħħ vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-konvenzjoni Ewropa.*

*11.Illi kif ser jiġi ippruvat waqt is-smigħ tal-kawża, jirriżulta li r-rikorrenti qiegħed miżmum il-ħabs għaliex qed jiskonta diversi sentenzi differenti mogħtija mill-Qrati penali u li b`kollox irid jibqa' inkarċerat sa nofs is-sena 2029.*

*12.Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

*13.Salv eċċezzjonijiet oħra.*

4. Rat in-nota tal-attur ippreżentata fl-20 ta' Frar 2023 fejn talab il-Qorti tramite proċedura *interim* pendenti s-smigħ tal-kawża odjerna tagħti u tipprovdi rimedju sabiex ir-rikorrent ma jibqax miżmum fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin (fol 203-204).

5. Rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fil-21 ta' Marzu 2023 għar-rikors tal-attur datat 20 ta' Frar 2023 (fol 210-214).

6. Rat illi b'digriet datat 4 ta' April 2023 il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur kontenuta fir-rikors tal-20 ta' Frar 2023 (fol 216).

7. Rat in-nota tal-attur ippreżentata fl-20 ta' Marzu 2024 fejn talab il-Qorti tramite proċedura *interim* pendenti s-smigħ tal-kawża odjerna tagħti u tipprovdi rimedju sabiex ir-rikorrent ma jibqax miżmum fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin (fol 254-255).

8. Rat illi b'digriet datat 1 ta' April 2024 il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur kontenuta fir-rikors tal-20 ta' Marzu 2024 (fol 256).

**Provi**

9. Rat il-kopja legali tal-proċess tal-Qorti tal-Appell Kriminali bin-numru 5/2015 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Cini Joseph, Omissis* (fol 20-84).

10. Semgħet ix-xhieda tal-attur **Joseph Cini** mogħtija fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 95-121).

11. Rat in-nota tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fit-3 ta' Frar 2022 u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 122-130).

12. Semgħet ix-xhieda ta' **Helenio Galea** mogħtija fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2022 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 137-192).

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Stefania Calafato Testa,** Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2022 u rat l-atti tal-kawża numru 4/2010 u 5/2015 ippreżentati minnha (fol 197-197 et seq).

14. Semgħet ix-xhieda ta' **Joseph Rivans** mogħtija fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2022 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 198-200).

15. Semgħet ix-xhieda ta' **PS 2100 Maria Scicluna** mogħtija fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2022 (fol 201-202).

16. Semgħet ix-xhieda ta' **Helenio Galea** mogħtija fis-seduta tas-26 ta' April 2023 (fol 218-232).

17. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr David Camilleri** mogħtija fis-seduta tas-26 ta' April 2023 (fol 233-243).

18. Rat in-nota tal-attur ippreżentata fis-26 ta' April 2023 u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 244-251).

19. Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2023, il-Qorti għalqet il-provi tar-rikorrenti.

20. Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Frar 2024, ġie ddikjarat illi l-intimati m'għandhomx provi xi jressqu.

21. Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Frar 2024 il-kawża marret għat-trattazzjoni orali.

22. Semgħet it-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tal-attur mogħtija fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2024 (fol 262-262 et seq).

23. Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2024 il-kawża marret għas-sentenza bid-dritt illi jsiru sottomissjonijet bil-miktub ukoll, jekk jidhrilhom opportun.

24. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali u Direttur tal-Ħabs ippreżentata fit-12 ta' Awwissu 2024 (fol 264-271).

**Fatti tal-każ**

25. Jirriżulta illi l-attur kien intavola diversi appelli quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom l-appelli numru 4/2010, 322/2012 u 5/2015, liema appelli kienu ġew iddikjarati deżerti mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Lulju 2017. Madanakollu, jirriżulta mill-qari tar-rikors promutur tal-attur illi huwa kien indika l-appell numru 5/2015 u l-appell numru 193/2016. Illi kif irriżulta waqt is-smigħ tal-kawża odjerna, l-appell numru 193/2016 ma kienx iddikjarat deżert iżda kien qiegħed imħolli għas-sentenza.

26. Jirriżulta illi skont dak allegat mill-istess rikorrent f'Mejju tas-sena 2017 huwa kellu jidher quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali iżda huwa ma kienx ġie msejjaħ u kien ġie nfurmat mid-Deputat Reġistratur illi l-appelli tiegħu kienu ġew dikjarati deżerti.

27. Jirriżulta illi l-attur isostni illi kuljum kien jiffirma ġewwa l-Għassa tal-Imsida u għalhekk ma setax jifhem għaliex ma kienx infurmat b'dan mill-Pulizija speċjalment minħabba l-fatt illi skont l-istess attur huwa kien jiġbor il-mandati ta' taħrik mill-istess għassa.

28. Jirriżulta illi skont l-istess attur fil-5 ta' Settembru tas-sena 2017 mar jiffirma ġewwa l-Għassa tal-Imsida u nżamm arrestat.

29. Jirriżulta illi l-attur għadu sal-lum arrestat ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, jiskonta l-varji sentenzi illi huwa għandu.

30. Jirriżulta, di fatti, illi r-raġuni għal tali arrest kien minħabba l-fatt illi l-appelli kienu marru deżerti u allura huwa kellu jiskonta s-sentenzi mogħtija mill-Ewwel Qorti.

31. Jirriżulta illi l-appelli surreferti kienu ġew dikjarati deżerti mill-Qorti tal-Appell Kriminali stante illi l-attur kien naqas milli jidher għas-seduta u għaldaqstant bl-applikazzjoni tal-Artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-appelli marru deżerti.

32. Jirriżulta illi skont l-istess attur huwa kien naqas milli jidher għas-seduta quddiem il-Qorti tal-Appell għaliex it-taħrika kienet intbgħatet għand omm ir-rikorrent ġewwa l-Pieta' u mhux fl-indirizz fejn kien jirresjedi hu u ċioe' Blk B, Ent 1, Flat 5, Triq il-Balliju Guttenburg, ġewwa l-Imsida.

33. Jirriżulta illi b'hekk l-attur qiegħed jallega illi huwa ma kienx debitament notifikat u dik hija r-raġuni għan-nuqqas ta' attendenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

34. Jirriżulta illi susssegwenti għad-dikjarazzjoni ta' deżerzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-avukat li kien qiegħed jippatroċina lir-rikorrent kien intavola rikors sabiex il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti tagħha u terġa' tirriappunta l-appelli, liema rikors kien ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell Kriminali stante illi kien ġie intavolat *fuori termine.*

35. Jirriżulta illi l-attur qiegħed jallega illi dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal- Ewwel Skeda tal-Kap 319, kif ukoll ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 5 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali u Direttur tal-Ħabs illi d-Direttur tal-Ħabs mhuwiex il-leġittimu kontradittur**

36. L-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali u Direttur tal-Ħabs hija illi d-Direttur tal-Ħabs mhuwiex il-leġittimu kontradittur ta' din il-vertenza u li l-kawża hija integra bil-presenza tal-intimati l-oħra.

37. Il-Qorti ser tibda billi tqis din l-eċċezzjoni sollevata billi tagħmel referenza għar-rikors promutur tal-attur.

38. Illi mill-qari tal-istess rikors, jidher illi l-ilmenti tal-attur ma huma fl-ebda mument indirizzati lejn id-Direttur tal-Ħabs.

39. Illi fir-rikors promutur tiegħu r-rikorrenti b'ebda mod ma jattribiwixxi xi nuqqas da parti tal-intimat Direttur tal-Ħabs u lanqas ma jallega illi l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu saret minħabba aġir tal-istess Direttur tal-Ħabs.

40. In oltre, l-Qorti tosserva illi permezz tal-azzjoni in deżamina r-rikorrenti qiegħed jallega l-ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif protett ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 li jipprovdi protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja.

41. Il-Qorti tenut kont tal-fatti esposti mill-attur u tenut kont tal-fatt illi huwa qiegħed jibbaża l-ksur tad-drittijiet fundamentali hawn fuq ċitati minħabba li l-appelli tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ġew dikjarati deżerti, liema deżerzjoni seħħet skont l-istess rikorrent minħabba l-fatt li huwa ma kienx debitament notifikat, il-Qorti tqis illi l-ilment tar-rikorrenti ma jista' bl-ebda mod jiġi indirizzat jew attribwit lid-Direttur tal-Ħabs.

42. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta surreferita u tiddikjara illi d-Direttur tal-Ħabs mhuwiex il-leġittimu kontradditur ta' din il-vertenza.

**Meritu tal-każ**

43. Illi l-pern tal-kwistjoni mressqa mill-attur permezz tal-azzjoni odjerna hija msejsa fuq il-fatt illi huwa kien intavola diversi appelli quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali wara varji sentenzi ta' ħabs mogħtija kontra tiegħu u dawn l-appelli, bin-numru 4/2010, 5/2015 u 322/2012, kienu ġew iddikjarati deżerti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Lulju tas-sena 2017. Illi f'dik is-seduta l-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li rat ir-riferta pożittiva tal-attur, għaddiet biex tiddikjara l-appelli deżerti.

44. Illi l-attur jattribwixxi n-nuqqas ta' attendenza tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minħabba li l-fatt illi skont l-istess attur huwa ma kienx debitament notifikat u dan għaliex in-notifika kienet saret il-Pieta' ossia, l-post ta' residenza ta' omm l-attur u mhux fl-indirizz fejn l-attur kien jirrisjedi ġewwa l-Imsida.

45. Il-Qorti fl-ewwel lok, sejra tagħmel referenza għar-rikors promutur tal-attur fejn huwa jagħmel referenza jagħmel din il-premessa:

> *"Illi l-esponenti intavola numri ta' appelli, fosthom l-appell bin-numru 05/2015(EG) kif ukoll l-appell bin-numru 193/2016 (GMG) quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li jirriżultaw li ġew dikjarati deżerti bla ebda raġuni valida"* .

46. Illi b'referenza għall-appell numru 193/2016 ġie eċċepiet mill-intimati kollha illi ma huwiex minnu illi dan l-appell mar deżert, anzi kien jinsab differit għas-sentenza għat-28 ta' Ottubru 2021. Infatti dan ġie sollevat ukoll fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021.

47. In oltre, permezz ta' nota datata 3 ta' Frar 2022 ir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, in ottemperanza ma' digriet ta' din l-istess Qorti, mogħti fit-18 ta' Jannar 2022, intavola nota rigwardanti l-appelli tal-attur u l-eżitu tagħhom.

48. Kif jidher ċar mid-dokument a fol 130, l-appell numru 193/2016 kien tabilħaqq differit għas-sentenza.

49. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-attur kien skorrett meta huwa fir-rikors promutur tiegħu, li kien ukoll ġuramentat, jiċċita dan l-appell. B'hekk ai fini tal-kawża in deżamina din il-Qorti mhux ser tikkonsidra kwalsiasi ilment tar-rikorrenti b'referenza għall-appell 193/2016.

50. In oltre, l-Qorti tosserva wkoll illi apparti l-appell numru 193/2016, l-attur fir-rikors promutur tiegħu jsemmi b'mod speċifiku appell ieħor, dak numru 5/2015 iżda ma jsemmix l-appelli l-oħra, ossia dawk enumerati 4/2010 u 322/2012. Madanakollu, waqt is-smigħ tal-kawża, jsir referenza għalihom u saħansitra l-atti ġew allegati mal-kawża odjerna[1]. Għalhekk, il-Qorti sejra tikkonsidra l-azzjoni promossa mir-rikorrenti fid-dawl ta' dawn l-appelli wkoll[2].

51. Il-Qorti ser tibda billi tagħmel referenza għax-xhieda tal-attur Joseph Cini mogħtija fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 fejn huwa jispjega l-akkadut u jispjega wkoll il-kawżi li għandu l-Qorti. In oltre, huwa jgħid is-segwenti:

> *"Dr Jean Paul Sammut :*
> *Mela Sur Cini tista' tispjega lill-Qorti l-proċess li spiċċajt wasalt għalih illum, x'kawżi kellek, x'sentenzi kellek u x'appelli kellek?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Heqq jiena kelli tlett appelli ... kelli wieħed taħt Grixti ...*
>
> *Dr Jean Paul Sammut :*
> *Mela bil mod ħalli l-Qorti ...*
>
> *Il-Qorti :*
> *Il-Qorti ġia għandha rikors dettaljat bil-fatti iġifieri jiena qiegħed nifhem li dak kollu li għandi miktub hawn hekk huwa ... inti tikkonfermahuli ... ġia kkonfermajtu bil-ġurament.*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Ehe imma kien hemm xi xhieda mħarrkin biex toħroġ il-verita ... għax jiena fil-verita kontra l-liġi qiegħed il-ħabs. U nixtieq nispjega imma naħseb li ma għandix ħin biżżejjed.*

---

[1]Għajr tal-appell numru 322/2012 illi skont ix-xhieda tar-Rappreżentant tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Stefania Calafato Testa mogħtija fl-10 ta' Novembru 2022, il-proċess 322/2012 ma nstabx (fol 197-197 et seq).
[2]Fix-xhieda tal-attur mogħtija fit-18 ta' Jannar 2022 dan il-punt kien ġie rilevat:

"*Il-Qorti : Sinjuri ... jien għandi għal inqas dokumentazzjoni ... issa mbagħad se mai jekk hemm bżonn inġibu aktar dokumenti ... illi juru li kien hemm żewġ appelli kriminali ... waħda minnhom li marret deżerta u l-oħra ...*
*Dr Jean Paul Sammut : Li kienet għas-sentenza.*
*Il-Qorti : Li kienet għas-sentenza u ma nafx x'ġara minnha. Issa iġifieri xi ħadd minnkom irid jgħidli x'ġara minnha.*
*Ix-Xhud : Issa tnejn minnhom mhux jidhru.*
*Il-Qorti : Iġifieri hemm żewġ appelli oħra li ma jidhrux?*
*Ix-Xhud : Ma jidhrux ... dawn tat- '10 u t- '12".*

(fol 100)

*Il-Qorti :*
*Spjegali. Spjegali.*

*Ix-Xhud :*
*Jiena kont niffirma l-għassa tal-Imsida, iġifieri f'xahrejn u nofs ħadd ma kien jaf li waqgħu l-appelli. Issa dan l-appell kien taħt l-Imħallef Grixti …*

*…*

*Ix-Xhud :*
*Le tat-2017 qed nitkellem jien. Għax ma daħlitx l-Imħallfa dak iż-żmien. Jew kienet ma tiflaħx jew ma nafx xiex. U ġie differit. Issa jien bil-liġi hemm digriet u għandi bail għadu bil-flus li jien biex niġi notifikat fl-għassa tal-Imsida bil-bail book u jew inkella jċempluli jekk jiġu differiti l-appelli l-marixxalli kif dejjem jagħmlu. U l-indirizz qiegħed hawn. Għandi ġiex rikorsi tal-avukat Dr Camilleri li ma nistax nifhimha jiena li bagħtli … qegħdin għandi iġifieri … jekk ittini ċans insibhomlok … qed jgħid li dan bagħtuli … ġie l-marixxall għand ommi, Alla jaħfirlha … kienet ilha mejta disgħa (9) snin … li dak l-indirizz mhux tiegħi …*

*Dr Jean Paul Sammut :*
*Iġifieri inti ġejt notifikat fir-residenza …*

*Ix-Xhud :*
*Ta' ommi.*

*Dr Jean Paul Sammut :*
*T'ommok.*

*Ix-Xhud :*
*Meta jien noqgħod l-Imsida.*

*Dr Jean Paul Sammut :*
*Kienet għadha ħajja imma dak iż-żmien?*

*Ix-Xhud :*
*Le mejta. Ilha disgħa (9) snin mejta u jien ma noqgħodx hemm.*

*Dr Jean Paul Sammut :*
*U min iffirma?*

*Ix-Xhud :*
*Ħadd ma ffirma. Hemm ġiex barranin joqogħdu hemm. Konna bigħejnieh lil ġiex barranin hemm hekk aħna.*

*…*

*Ix-Xhud :*

*Issa jiena l-indirizz tiegħi dan huwa propja ... għax imbagħad hemm rikors qed jgħidu ... u jien l-għassa tal-Imsida bqajt niffirma xahrejn u nofs. Iż-żmien xieraq jien ma kellix ... jgħiduli isma' Guz waqqgħulek l-appelli ta' ... kif dejjem għamlu u kont nagħmel ir-rikors normali biex jerġgħu jitilgħu u naraw x'ġara. Jien minn dak iż-żmien qatt ma bagħat għalija Maġistrat jew Imħallef jgħidli isma' tlift il-pleġġijiet u waqgħu l-appelli u etc ... etc ... Qatt ma smajt biha din. Jien għalija la kelli żmien xieraq ... inkisruli d-drittijiet tal-bniedem, pruvajt bi tlett avukati u ma nafx x'ġara u mbagħad hemm wieħed minnhom qiegħed akkużat illum il-ġurnata. Iġifieri jiena għamilt il-biċċa tiegħi imma jiena għandi ħamest itfal u ma nistax noqgħod noħroġ il-flus il-ħin kollu ... kif għidt lid-Dottore u lil Dr Peralta biex nasal f'dan l-istadju ... għax fil-verita jien ma waqgħulix tlett appelli. U lanqas wieħed għax kieku jien dejjem tlajt il-Qorti. Jekk jien qed niffirma l-għassa tal-Imsida ... mela l-Ispettura Button x'kienet qed tagħmel l-għassa tal-Imsida? Jiena għandi l-bail book, tlabtha l-bail book ukoll".*

(fol 95-95 et seq u fol 97)

52. Referenza ser issir ukoll għan-nota ppreżentata mir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali fejn fiha jippreżenta d-dokumentazzjoni rigward l-appelli tar-rikorrent u l-eżitu tagħhom (fol 122-130). Illi l-appelli msemmija huma s-segwenti:

- Appell Numru: 272/2012 - Deċiż fit-13 ta' Marzu 2013
- Appell Numru: 5/2015 - Deżert fit-13 ta' Lulju 2017
- Appell Numru: 4/2010 - Deżert fit-13 ta' Lulju 2017
- Appell Numru: 322/2012 - Deżert fit-13 ta' Lulju 2017
- Appell Numru: 89/2018 - Deċiż fit-8 ta' Novembru 2018
- Appell Numru: 116/2013 - Deċiż fis-27 ta' Frar 2019
- Appell Numru: 101/2019 - Li meta ġiet ippreżentata n-nota kien differit għall-kontinwazzjoni għall-25 ta' Frar 2022
- Appell Numru: 193/2016 - Li fil-mument meta ġiet ippreżentata n-nota kien differit għas-sentenza għat-28 ta' April 2022

53. Il-Qorti tirreferi wkoll għax-xhieda ta' Helenio Galea mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2022 fejn huwa jippreżenta d-dokumentazzjoni relatata mal-attur ossia *"Offences History Report"* u *"Case Data Report"* (fol 145-189). Illi l-istess xhud jispjega s-segwenti:

*"Il-Qorti :*
*All right ... issa mela ħa nimxu pass pass is-Sur Joseph Cini ... Is-Sur Cini emm ... x' tista' tgħidli fuqu? Fis-sens x'tafu fuqu minn naħa tagħkom?*

*Ix-Xhud :*
*Mela preżentament qiegħed il-ħabs jiskonta disa' (9) sentenzi ta' qrati ... emm ...*

*Il-Qorti :*
*Disa' (9) sentenzi.*

*Ix-Xhud :*
*Fosthom iva hemm tlieta (3) minnhom li huma konverżjonijiet ta' multi.*

*...*
*Ix-Xhud :*
*Illum il-ġurnata qed jiskonta sentenza fuq serq aggravat tal-ispettur Chris Pullicino fejn fiha kien issentenzjat għal tliet (3) snin priġunerija.*

*Dr Maurizio Cordina :*
*U għandi nifhem illi din is-sentenza hija finali u definittiva hux hekk? Iġifieri m'hemmx appell pendenti dwarha?*

*Ix-Xhud :*
*Emm ... illi s-sentenza ... it-ticket li ġie għandi mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill ... mill-Imħallef Edwina Grima ...*

*Dr Maurizio Cordina :*
*Issa wara din is-sentenza x'sentenzi oħra għad irid jiskonta mela s-Sur Joseph Cini?*

*Ix-Xhud :*
*Mela għandu sentenza oħra fuq serq aggravat ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur ukoll tal-Ispettur Chris Pullicino u l-Imħallef is-Sinjura Edwina Grima. Imbagħad għandu multa ta' sebgħa mija u ħamsin (750) konvertita f'erbgħa u għoxrin (24) ġurnata priġunerija; multa ta' disgħat (9) ijiem ... ta' tlett mitt euro (€300) konvertita f'disat (9) ijiem priġunerija; sena priġunerija tal-Maġistrat Ian Farrugia u l-Ispettur Michael Mallia; għandu oħra tal-Ispettur Lara Butters inqatgħet mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera ta' seba' (7) xhur priġunerija; flimkien ma' multa ta' erbat elef u ħames mitt euro (€4,500) li huma konvertiti f'mija disgħa u għoxrin (129) ġurnata priġunerija; multa f'sentenza oħra fuq serq aggravat tal-ispettur Anthony Agius ta' sentejn (2) u disa' (9) xhur priġunerija ukoll tal-Imħallef is-Sinjura Edwina Grima; multa ta' mitejn ħamsin (250) konvertita fi tmint (8) ijiem priġunerija; imbagħad għandu tlieta u għoxrin (23) ġurnata priġunerija u tlett (3) ijiem detenzjoni tal-Maġistrat Dr Ian Farrugia fuq konverżjoni ta' multa ... konverżjoni ta' multa ...*

*Il-Qorti :*
*Multa ta' kemm?*

*Ix-Xhud :*
*Multa ta' tmien mitt euro (€800) u ... pero kellu tlieta u għoxrin (23) ġurnata priġunerija fuqha din ukoll. Imbagħad kellu konverżjoni ta' multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250) konvertita fi tmint (8) ijiem priġunerija.*

*Dr Maurizio Cordina :*
*U mela wara li jiskonta dawn is-sentenzi kollha meta huwa beħsiebu jiġi rilaxxat allura?*

*Il-Qorti :*
*Skond ir-rekord tagħkom.*

*Ix-Xhud :*
*Skont ir-records li għandi jien huwa fil-25 ta' Ġunju tas-sena 2029.*

*...*

*Dr Jason Grima :*
*Semmejt żewġ appelli li ġew deżerti tal-Imħallef Edwina Grima ...*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Dr Jason Grima :*
*Bħala piena dawk iż-żewġ ... dawk iż-żewġ appelli kemm ... kemm għandhom?*

*Il-Qorti :*
*Mela sentenza waħda ... qed ngħidlek jien bil-lest ... sentenza waħda li hija HG 3 sentenza ta' tliet (3) snin priġunerija u two, three, one point sixty six (231.66) spejjeż ... correct sinjuri?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Il-Qorti :*
*U l-oħra hija ta' sentejn u nofs priġunerija ...*

*Dr Jason Grima :*
*Jiġu ħames snin u nofs ... hekk qed nifhem jien".*

(fol 137 et seq-138 u fol 143 et seq- 144)

54. Illi x-xhud Helenio Galea jerġa' jixhed quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-26 ta' April 2023 fejn ġie stabbilit illi wieħed mill-appelli li qed jiġi kkontestat, is-sentenza relattiva għal dak l-appell ġiet skontata mill-attur. Il-Qorti tosserva li mill-atti ppreżentati l-appell in kwistjoni kien dak bin-numru 5/2015:

*"Dr Maurizio Cordina :*
*Domanda waħda għalissa. Rigward is-sentenza tal-ħames snin u nofs, tikkonferma li dik ġiet skontata illum il-ġurnata ?*

*Ix-Xhud:*
*Fuq il x' jismu jkolli.*

*Il-Qorti:*
*Tini ċans, għidli liema paġna trid.*

*Ix-Xhud:*
*Tal-ħames snin u nofs qed nitkellmu.*

*Il-Qorti:*

*E tal-ħames snin u nofs trid taraw.*

*Dr. Maurizio Cordina:*
*Biex jikkonferma jekk ġietx skontata jew le illum il-ġurnata*

*Il-Qorti:*
*Mela dina kienet, dina kienet, release date 19/2/2022, naturalment illum qegħdin ...*

*Ix-Xhud:*
*Skontat. 2023 iva.*

*Il-Qorti:*
*26/4/2023, jiena qed nifhem li ġiet skontata.*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*Dr. Maurizio Cordina:*
*Għalissa xejn, għax wieħed minn dawn l-appelli li qed jiġi ikkontestat ...*

*Il-Qorti:*
*Yes yes yes ...*

*Dr. Maurizio Cordina:*
*Imma bħala fatt ġiet skontatha".*

*(fol 230-231)*

55. Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2022 xehed ukoll Joseph Rivans, rappreżentant tal-Identity Malta, li xehed dwar l-indirizzi reġistrati tal-attur u jispjega kif ġej:

*"Ix-Xhud :*
*Mela Joseph Cini 304664 M emm ... għamel l-ID Card magħna fit-2015 għax emm ... aħna bdejna bħala Identity Malta fit-2014 ...*

*Il-Qorti :*
*Ok.*

*Ix-Xhud :*
*Issa emm ... fit-2015 għamel l-indirizz fuq Block B, Entrance 1, Flat 5, Triq il-Paviljun Gutenberg, Swatar, Imsida u kien bidel l-indirizz, iġifieri qabel ... qabel dik id-data l-indirizz li kellu kien 151, Regional Court, Flat 2, Telgħa ta' Gwardamangia, Pieta'.*

*Il-Qorti :*
*All right. U allura nifhem li dak l-indirizz li kellkom intom kontu ġibtuh mingħand min ħadtu over intom, hux hekk?*

*Ix-Xhud :*

*Ehe għax hu meta tiġi biex tibdel l-indirizz int ħa jkollok l-indirizz l-antik ... ehe u bdiltu għal ġdid.*

*Il-Qorti :*
*Allura inti jirriżultalkom li fit-2015 ...*

*Ix-Xhud :*
*Fil- '15 ...*

*Il-Qorti :*
*Biddel l-indirizz.*

*Ix-Xhud :*
*Fil- '15 biddel l-indirizz minn Gwardamangia għal Swatar, Imsida.*

*Il-Qorti :*
*All right. U intom m'għandkomx idea meta rreġistra l-indirizz ta' Swatar? Għax ma tkunux tafu?*

*Ix-Xhud :*
*Tas-Swatar fis-17.4.2015 meta għamel l-ID card.*

*Il-Qorti :*
*U tal-Imsida ... l-oħra.*

*Ix-Xhud :*
*Tal-Imsida le. Dika jekk forsi tridu informazzjoni aħjar l-electoral office għax huma kellhom ir-records qabel il- '14.*

*Dr Jason Grima :*
*Iġifieri qabel il- '14 'l isfel ... '14 b'lura ...*

*Ix-Xhud :*
*B'lura dejjem electoral office"*

(fol 198-199)

56. L-istess xhud Joseph Rivans jippreżenta dokument li jinsab a fol 200 tal-proċess, liema dokument juri l-indirizz l-antik tal-attur, ossia, dak tal-Pieta' u l-indirizz kif inhu reġistrat attwalment ġewwa Swatar, l-Imsida.

57. Illi fix-xhieda tal-PS 2110 Maria Scicluna, x-xhud ikkonfermat illi r-rikorrent kien jiffirma ġewwa l-għassa tal-Imsida:

*"Il-Qorti :*
*Mela jiena għandi taħrika ta' xhieda fejn intom mitlubin tixhdu dwar fejn jiffirma l-bail book Joseph Cini.*

*Ix-Xhud :*

*Is-Sur Cini kien jiffirma 26 ta' Diċembru 2014 sa 12 ta' Jannar 2016 daily bail book, iġifieri ta' kuljum.*

*Il-Qorti :*
*All right.*

*Ix-Xhud :*
*Issa mbagħad kien hemm nota fejn ittieħed CCF pero mbagħad għandna bail book ieħor li kien jiffirma kuljum ukoll mid-9 ta' Novembru 2016 sas-7 ta' Novembru 2017 u mbagħad hemm nota li ttieħed CCF. Emm ... jiena ...*

*Dr Jason Grima :*
*Rigward dan it-tieni bail book ... li qed tgħid ... f'liema għassa kien?*

*Ix-Xhud :*
*It-tnejn fl-għassa l-Imsida. Dawk biss nista' nippreżenta jiena"*

...

Imbagħad meta x-xhud kienet mistoqsija dwar xi riferti jew taħrikiet biex jidher quddiem il-Qorti tal-Appell ix-xhud qalet kif ġej:

*Dr Jason Grima :*
*Li jinteressani jien fit-2017 jekk kienx ingħata xi riferti jew xi taħrikiet biex jitla' għal ... għal seduti tal-Qorti tal-Appell.*

*Ix-Xhud :*
*Le bħal hekk ma jkollniex Sur Avukat"*

(fol 201 u fol 202)

58. Fis-seduta tas-26 ta' April 2023 xehed l-Avukat Dr David Camilleri fejn huwa jispjega s-segwenti:

*"Ix-Xhud:*
*Pero, e kont sibt fil-kompjuter żewġ rikorsi li kont għamilt, fejn kont, waħda fin-numru 5 tal-15.*

*Il-Qorti:*
*All right*

*Ix-Xhud:*
*U rikors ieħor fl-appell 322 tat-12, illi t-tnejn kienu marru deżerti fit-tlettax ta' Lulju u fir-rikors jiena kont għidt;*

*Il-Qorti:*
*Mela tista' tgħidli forsi meta ppreżentajtu dar-rikors ?*

*Ix-Xhud:*
*Mela ...*

*Il-Qorti:*
*Biex nifhem jien ftit.*

*Ix-Xhud:*
*Data preċiża m' għandix, però żgur illi wara it- tlettax ta' Lulju.*

*Il-Qorti:*
*Okay.*

*Ix-Xhud:*
*Probabbilment, forsi f' Awwissu ?*

*Il-Qorti:*
*Mela ara Dottore, ara jekk huwiex wieħed minnhom dan please ?*

*Ix-Xhud:*
*Mhm.*

*Il-Qorti:*
*Dan huwa rikors ...*

*Ix-Xhud:*
*Iva hekk hu.*

*Il-Qorti:*
*Il-Qorti qed tagħmel referenza għad-dokument li jidher a fol. 81 tal-proċess.*

*Ix-Xhud:*
*Dak huwa il-5 tal-15, dak huwa wieħed minnhom.*

*Il-Qorti:*
*Dan il-5 tal-15.*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt. Kien hemm wieħed identiku fl-appell l-ieħor 322 tat-12.*

*Il-Qorti:*
*Tal-5 tal-15 għandi. Iġifieri inti qed tgħid li kien hemm rikors identiku wkoll ?*

*Ix-Xhud:*
*Ehe.*

*Il-Qorti:*
*Fil- x' jismu wkoll;*

*Ix-Xhud:*
*322 tat-12.*

*Il-Qorti:*
*Mela ha nifhem ftit, dana ir-rikors, ħa nimxu ma dawn l-atti biex nifhmu kollha flimkien mela;*

*Ix-Xhud:*
*Mhm.*

*Il-Qorti:*
*Daħal dar-rikors, jidher li qisu ġie appuntat hux hekk ? le ...*

*Ix-Xhud:*
*Ma jidhirlix, ma niftakarx li kien ġie appuntat.*

*Il-Qorti:*
*Jiena qed nara digriet hawn.*

*Dr. Jason Grima:*
*Il-folja ta' wara hemm miktub id-digriet tiegħu.*

*Ix-Xhud:*
*Naħseb kien ġie degretat mal-ewwel.*

*Dr. Jason Grima:*
*Li daħal fuori termine.*

*Il-Qorti:*
*Jiena fol. 84 imbagħad għandi digriet.*

*Ix- Xhud:*
*Mhm mhm.*

*Il-Qorti:*
*Fejn qed nifhem illi dan ir-rikors tal-5 tal-15 ġie nassumi ...*

*Ix-Xhud:*
*Ġie miċħud.*

*Dr. Jason Grima:*
*Daħal tard.*

*Dr. Maurizio Cordina:*
*Daħal tard.*

*Il-Qorti:*
*Ehe ehe le le imma nassumi li 5 tal-15 għax m' għandix numru hawn*

*…*

*Ix-Xhud:*

*Sirt naf li l-appelli kienu marru deżerti fit-tlettax ta' Lulju, ovvjament ma kontx fit-terminu biex nagħmel rikors biex nirrijappuntah għax ma kontx erm, ma konniex indunajna mal-ewwel illi l-appelli kienu marru deżerti, u allura ppruvajt nagħmel dar-rikors, fejn ippruvajt nitlob lill-Qorti tirrevoka contrario imperio id-digriet tad-deżerzjoni, minħabba illi skont ma spjegali Joseph Cini kien ġie notifikat ħażin. U niftakar illi meta kont iċċekjajt ir-referta u sibt fejn ġie notifikat, ir-reazzjoni tiegħu kienet, "imma jien ma ngħix hemm". Kien pjuttost ċert u ċar illi "jiena ma ngħix hemm, kif innotifikawni hemm ? Jiena ngħix l- Imsida", u kont għamilt rikors f' dak is-sens u kien ġie miċħud.*

*Dr. Jason Grima:*
*U hu fejn ġie notifikat skont ?*

*Ix-Xhud:*
*Skont ir-rikors hu kien ġie notifikat il- Pieta' mentri hu kien joqgħod l-Imsida, skont ma kien aċċertani u kien spjegali.*

*…*

*Dr Jason Grima :*
*Inti qatt kellek l-okkazzjoni lill-Marixxal tisimgħu quddiem il-Qorti fuq din il ?*

*Ix-Xhud:*
*Le le.*

*Dr Jason Grima :*
*Fuq din il-kwistjoni tan-notifika ?*

*Ix-Xhud:*
*Le, filfatt hekk xtaqt b' dawk ir-rikorsi illi tiġi appuntat u forsi jixhed il-marixxall u jispjega, imma mid-dehra ma kienx ġie.*

*Dr Jason Grima :*
*Iġifieri l-ebda Qorti ma tatek l-okkazzjoni illi fuq dawn it-tlett appelli;*

*Ix-Xhud:*
*Le le.*

*Dr Jason Grima :*
*Tisimgħu lill-Marixxal s' issa ?*

*Ix-Xhud:*
*Le"*

(fol 235-238 u fol 242-243)

**Ikkunsidrat**

59. Il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel referenza għat-talbiet kontenuti fir-rikors promutur.

60. Il-Qorti tosserva illi fit-talbiet tiegħu l-attur naqas milli jagħmel l-aktar talba loġika u importanti illu huwa kellu jagħmel fil-każ in deżamina u ċioe' talba sabiex il-Qorti tiddikjara li d-digrieti mogħtija fl-appelli numru 4/2010, 322/2012 u 5/2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Lulju 2017 huma nulli. Dan qiegħed jingħad, peress illi sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tistħarreġ jekk ġiex arrestat illegalment u, għalhekk, jekk kienx hemm leżjoni tal-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 u 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, trid tistħarreġ jekk id-digriet ilmentat minnu li wassal għad-deżerzjoni tal-appell tar-rikorrent huwiex wieħed null minħabba li l-attur ma kienx kif isostni huwa stess, debitament notifikat.

61. Illi mill-ħarsa tat-talbiet kif interposti, jidher illi f'moħħ ir-rikorrent seħħet assunzjoni illi dak ilmentat minnu huwa diġa' kkunsidrat bħala null u b'hekk il-Qorti setgħet minnufih tgħaddi sabiex tevalwa jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu bl-arrest illegali tiegħu.

62. Madanakollu, kif diġa' aċċennat, it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali kellha, ta' bilfors, tkun konsegwenzjali għat-talba tan-nullita' tad-digrieti li mogħtija fit-13 ta' Lulju 2017 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat l-appelli in kwistjoni deżerti.

63. Għaldaqstant, l-azzjoni kif promossa mill-attur ma tista' qatt tintlaqa' minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

64. Il-Qorti tosserva wkoll illi, irrispettivament minn dak osservat, l-azzjoni tar-rikorrent tfalli wkoll minħabba nuqqas ta' prova.

65. Jirriżulta ċar illi l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq il-fatt illi, skont l-istess attur, in-notifika sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali saret il-Pieta', fil-post fejn kienet tirresjedi ommu u mhux fejn kien qed jirrisjedi hu ġewwa l-Imsida. Għalhekk, skond ir-rikorrent, dik ir-riferta ma għandhiex titqies bħala waħda valida f'għajnejn il-liġi u konsegwentament l-appelli ma kellhomx jiġu dikjarati deżerti.

66. In sostenn ta' dak li qed jgħid, l-attur jipproduċi bħala xhud rappreżentant minn Identity Malta sabiex jagħti informazzjoni dwar l-indirizz li għandu rreġistrat fil-karta ta' identita' tiegħu. Tali xhud, Joseph Rivans, jispjega illi l-attur ilu mis-17 ta' April 2015 bil-karta ta' identita' numru Blk B, Ent 1, Fl 5, Triq il-Balliju Guttenberg, Swatar, Imsida. Tali fatt, jista' jindika illi r-rikorrenti għandu indirizz differenti, iżda ċertament ma tistax titqies bħala l-aħjar prova għall-ilment tiegħu. Di fatti, l-indirizz li wieħed għandu reġistrat fuq il-karta tal-identita' tiegħu, waħdu, żgur illi ma tistax titqies bħala l-aħjar prova ai fini tan-notifiki tal-atti tal-Qorti, kif inhu l-każ in deżamina.

67. Il-Qorti tqis illi, kif ħareġ ċar mix-xhieda tal-Avukat Dr David Camilleri, l-attur jilmenta illi ma kellux il-possibilita' li l-Qorti tisma' lill-Marixxal illi għamel ir-riferta in kwistjoni:

*"Dr Jason Grima :*

*Inti qatt kellek l-okkazzjoni lill-Marixxal tisimgħu quddiem il-Qorti fuq din il ?*

*Ix-Xhud:*
*Le le.*

*Dr Jason Grima :*
*Fuq din il- kwistjoni tan- notifika ?*

*Ix-Xhud:*
*Le, filfatt hekk xtaqt b' dawk ir-rikorsi illi tiġi appuntat u forsi jixhed il-marixxall u jispjega, imma mid-dehra ma kienx ġie.*

*Dr Jason Grima :*
*Iġifieri l-ebda Qorti ma tatek l-okkazzjoni illi fuq dawn it-tlett appelli ...*

*Ix-Xhud:*
*Le le.*

*Dr Jason Grima :*
*Tisimgħu lill-Marixxal s' issa ?*

*Ix- Xhud:*
*Le"*

68. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fil-kawża odjerna, ir-rikorrent kellu kull possibilita' li jtella' lill-Marixxal li kien responsabbli minn dik in-notifika u minn dik ir-riferta sabiex jixhed fuqha – madanakollu, l-attur naqas milli jagħmel dan! Din il-Qorti tirrileva illi huwa ċar illi l-aħjar prova li messu ġab l-attur hija proprju din: it-testimonjanza tal-Marixxal, li skond ir-rikorrent, innotifikah f'indirizz ħażin.

69. Kif ġia osservat din il-Qorti, ir-rikorrent jilmenta illi, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ma kellux il-possibilita' li jtella' jixhed dan il-Marixxal. Din il-Qorti tat lir-rikorrent il-possibbilta' kollha illi jtella' x-xhieda kollha li dehrlu neċessarji, iżda minkejja li ġiet preżentata lilu l-possibilita' li jagħmel hekk, huwa xorta naqas milli jagħmel dan!

70. Illi l-Qorti stess fil-verbal tas-seduta tas-26 ta' April 2023 tipprovdi hekk:

> *"Il-Qorti tosserva li jeħtieġ jinstema' Francis Ellul li l-Qorti ġiet infurmata li llum il-ġurnata ma għadux jaħdem il-Qorti. Il-Qorti tistieden lir-Reġistratur tal-Qorti tgħaddi l-indirizz ta' tali marixxall lil kontro parti biex jassikura ruħu jitħarrek ix-xhud għas-seduta li jmiss."* (fol 217).

71. Illi fil-verbal tas-seduta suċċessiva, ossia, dik tas-26 ta' Settembru 2023 il-Qorti osservat is-segwenti:

> *"Il-Qorti tosserva li għal lum kellu jitħarrek Francis Ellul u għalhekk il-Qorti stiednet lir-Reġistratur tal-Qorti biex jgħaddi l-indirizz tal-marixxall illum*

*irtirat, iżda jidher li ma sar ebda sforz minn ħadd biex jiġi ottjenut tali indirizz.*

*Il-Qorti tosserva li dawn huma proċeduri Kostituzzjonali u r-rikorrent kellu ben oltre 4 xhur biex jirregola ruħu u tali nuqqas se jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti li mhux interessat li jħarrek lil Francis Ellul u in ottemperanza mal-verbal tas-26.4.2023 il-Qorti se tgħaddi biex tagħlaq il-provi rikorrenti."* (fol 252).

72. In oltre, il-Qorti tirrileva illi l-attur fix-xhieda tiegħu jsostni illi n-notifika saret fir-residenza ta' ommu illi dak iż-żmien kienet diġa' ġiet nieqsa u l-post kien ġie mibjugħ lil xi barranin:

*"Dr Jean Paul Sammut :*
*Iġifieri inti ġejt notifikat fir-residenza ...*

*Ix-Xhud :*
*Ta' ommi.*

*Dr Jean Paul Sammut :*
*T'ommok.*

*Ix-Xhud :*
*Meta jien noqgħod l-Imsida.*

*Dr Jean Paul Sammut :*
*Kienet għadha ħajja imma dak iż-żmien?*

*Ix-Xhud :*
*Le mejta. Ilha disgħa (9) snin mejta u jien ma noqgħodx hemm.*

*Dr Jean Paul Sammut :*
*U min iffirma?*

*Ix-Xhud :*
*Ħadd ma ffirma. Hemm ġiex barranin joqogħdu hemm. Konna bigħejnieh lil ġiex barranin hemm hekk aħna".*

Madanakollu, l-Qorti tinnota illi l-attur naqas milli jippreżenta kopja tal-kuntratt ta' bejgħ li juri illi l-post fejn kienet tirrisjedi ommi nbiegħ lil terzi sabiex ikun ta' sostenn għal dak allegat minnu.

73. B'hekk, fin-nuqqas ta' prova li turi mod ieħor, il-Qorti trid bilfors tistrieħ fuq dak li jinsab fl-atti tal-appelli in kwistjoni, fejn jidher illi kien hemm riferta pożittiva tan-notifika, minn fejn jirriżulta illi l-attur li kien ġie notifikat bl-appuntament tas-seduta personalment, liema riferta illi ġiet **ukoll** ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali stess.

74. Barra minn hekk, il-Qorti tinnota wkoll illi l-attur naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji lilu mogħtija, senjatament dawk eżistenti fl-Artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Liġijiet

ta' Malta. Di fatti, mix-xhieda mogħtija mill-Avukat Dr David Camilleri, jidher illi kienu ġew intavolati rikorsi sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha u tirrapunta l-appell, liema rikorsi kienu ġew miċħuda minħabba l-fatt li dawn ġew intavolati ferm wara ż-żmien provdut fl-imsemmi Artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk kellhom jiġi kkunsidrati bħala *fuori termine.*

75. Għaldaqstant, in vista ta' dan kollu delineat, il-Qorti ma tistax takkolji t-talbiet imressqa mill-attur.

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tal-Ħabs u tiddikjara illi d-Direttur tal-Ħabs ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-vertenza.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Direttur Qrati u Tribunali Kriminali, Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali.

**Tiċħad** it-talbiet kollha tal-attur.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a karigu tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**